# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 13 ta' Mejju 2021**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 193/2020 JVC**

**Anna Maria Rosaria Gallo (ID 59061A) u ta' Ian Camilleri Cassar (ID 33683G) f'isimhom proprju u ghan-nom u in rappreżentanza ta' binthom minuri Carla Camilleri Cassar**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Anna Maria Rosaria Gallo et pro et noe kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. ‘Illi l-esponenti Anna Maria Rosaria Gallo u Ian Camilleri Cassar, dak iz-zmien Ian Camilleri, zzewgu nhar id-19 ta’ Ottubru 2013 gewwa Lavello, fl-Italia, liema zwieg gie debitament registrat fil-*comune* ta’ Lavello. Illi fir-registrazzjoni ta’ tali zwieg il-mara, Anna Maria Rosaria Gallo ghazlet li zzomm kunjomha wara z-zwieg;

2. Illi l-partijiet rregistraw z-zwieg taghhom f’Malta, u dan skond ma jidher mill-Att ta’ Zwieg bin-numru 86/2014, madanakollu, gie skorrettement indikat illi l-mara ma kienetx ghazlet li zzomm kunjom xbubitha maz-zwieg, u dan skond ma jidher minn Dok. ‘A’;

3. Illi b’rizultat ta’ dan l-ewwel wild tal-partijiet, Luisa, li twieledet nhar l-20 t’Awwissu 2014, Dok ‘B’, inghatat il-kunjom ‘Camilleri’ stante li sa dakinhar missierha kien ghadu jgib biss il-kunjom ‘Camilleri’;

4. Illi ftit granet qabel ma twieldet it-tieni wildt ta’ Anna Maria Rosaria Gallo u Ian Camilleri, il-missier haseb biex jgedded l-karta tal-identita’ tieghu u waqt li kien fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku, issottometta ukoll il-Form T, u b’effett ta’ dan il-kunjom tal-missier gie mibdul ghal ‘Camilleri Cassar’.

5. Ftit tal-jiem wara, fl-20 ta’ April 2016, twieldet it-tieni wild tal-partijiet Carla, u dan skond ma jidher mill-att tat-twelid taghha hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘C’. Ladarba missierha kien issottometta l-Form ‘T’ din inghatat il-kunjom ‘Camilleri Cassar’.

6. L-effett ta' dan kollu hu illi f'din il-familja illum hemm l-omm li hija erronjement irregistrata bhala 'Anna Maria Rosaria Camilleri' mentri isimha u kunjomha ghandhom ikunu 'Anna Maria Rosaria Gallo', il-missier li qabel kien jismu Ian Camilleri mentri llum jismu u kunjomu 'Ian Camilleri Cassar', l-ewwel wildt li jismha 'Luisa Camilleri', u t-tieni wildt li jisimha 'Carla Camilleri Cassar'.

7. Illi l-esponenti jixtiequ illi l-kunjom taz-zewgt itfal minuri taghhom jkun bhal ta' xulxin u cioe' il-kunjom 'Camilleri' stante li hemm anomalija fil-fatt li z-zewg ulied imweldin mill-istess genituri jkollhom kunjom differenti minn xulxin.

8. Illi in vista ta' dan il-fatt, u sabiex ma tinholoqx iktar konfuzjoni fil-kunjom ta' din il-familja, li huwa rizultat mhux biss tal-fatt illi kien ittihed zball fir-registrazzjoni tal-kunjom tal-omm, izda ukoll minhabba l-fatt li llum z-zewg ulied ghandhom kunjomijiet differenti, l-esponenti Ian Camilleri Cassar huwa anke lest, jekk il-Qorti tqis li dan jkun propens, li jirriverti lura ghal kunjom 'Camilleri'.

9. Illi l-missier ma kienx konsapevoli mill-fatt illi b'effett tas-sottomissjoni tal-Form 'T', huwa kien effettivament ser jkun qed jbiddel ukoll il-kunjom ta' familtu u tal-ulied illi kien ser jkollu minn hemm il-quddiem. Ladarba l-esponenti ma kienx konsapevoli ta' dan il-fatt, wisq inqas ma kien ser jaghti l-kunsens tieghu sabiex tigi sottomessa din il-formola u b'effett ta' dan jinbidel definittivament l-kunjom tal-familja u tat-tfal li kien ser jkollu minn dakinhar 'il-quddiem.

10. Illi maghdud ma' dan, l-minorenni Carla ilha hajjitha kollha tuza l-isem u l-kunjom *'Carla Camilleri'* bhala l-isem u l-

kunjom li bihom tigi msejha u hija maghrufa u ilha konsistentement imsejha u hi maghrufa bl-isem u l-kunjom *Carla Camilleri* mill-familja taghha, u kif ukoll minn qrabha, u mill-iskola fejn tattendi, Dok 'D' sa Dok 'AC';

11. Illi ghalhekk ukoll l-esponenti ghandhom interess illi l-Att tat-Twelid tat-tifla Carla jkun jirrifletti l-isem u l-kunjom li hi u l-familja taghha konsistentement juzaw bhala l-isem u l-kunjom li bih tissejjah u li hi maghrufa, u cioe' *Carla Camilleri;*

12. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza u dana a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. Illi l-fatti hawn fuq esposti huma kollha maghrufa lill-esponenti personalment.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi jghid l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja li tordna l-hrug tal-avviz ai termini tal-Art 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u prevja ukoll dawk il-provvedimenti kollha li jidrilha opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-Att taz-Zwieg ta' Ian Camilleri u Anna Maria Rosaria Gallo skorrettement jindika illi l-mara ma ghazlietx li zzomm kunjom xbubitha maz-zwieg;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att taz-zwieg tar-rikorrenti billi jigi indikat illi l-mara ghazlet li zzomm kunjom xbubitha maz-zwieg;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kunsens ta' Ian Camilleri fis-sottomissjoni tal-Form T relattiva kien ivvizzjat stante li ma kienx konsapevoli tar-riperkussjonijiet ta' din il-formola;

4. Tirrexxindi, tikkancella u tannulla l-Form 'T' li permezz taghha Ian Camilleri ghazel li jiehu ukoll l-kunjom 'Cassar' u konsegwentement jemenda l-att tat-twelid ta' Ian Camilleri billi jannota illi l-isem u l-kunjom tieghu ghandhom jkunu 'Ian Camilleri';

5. Konsegwentement, tiddikjara illi l-isem u l-kunjom tal-minuri Carla huwa 'Carla Camilleri';

6. Minghajr pregudizzju ghat-talbiet precedenti, u f'kull kaz, tiddikjara u tiddeciedi illi l-kunjom li bih it-tifla minuri Carla Camilleri Cassar hija konsistenement maghrufa bihom huwa 'Carla Camilleri';

7. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri Carla billi jannota illi l-isem u l-kunjom tat-tifla ghandu jkun 'Carla Camilleri';

8. Taghti kull provvediment iehor opportun u necessarju sabiex issir ir-registrazzjoni u konsegwenti emenda fl-Att tat-Twelid tal-esponenti a tenur tat-tieni talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, min issa imsejjah ghas-subizzjoni tieghu.'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa kif isegwi:

1. ‘ILLI, preliminarjament, l-esponent jinnota illi l-okkju tal-kawza istanti huwa skorrett. Dan qed jinghad *stante* li isem ir-rikorrenti, Anna Maria Rosaria Camilleri huwa skorrettement indikat bhala Anna Maria Rosaria Gallo. Tali zball ghandu jigi rrimedjat, u dan f’gieh l-integrità tal-gudizzju;

2. ILLI, preliminarjament ukoll, l-esponent jeccepixxi illi l-azzjoni odjerna si tratta l-Att tat-Twelid ta’ Ian Camilleri Cassar li gie rregistrat mar-Registru Pubbliku ta’ Ghawdex, kif ukoll Att taz-Zwieg ta’ Ian Camilleri Cassar u Anna Maria Rosaria Camilleri u Att ta’ Twelid ta’ Carla Camilleri Cassar li gew irregistrati mar-Registru Pubbliku ta’ Malta. In vista tal-fatt illi ai termini tal-Kapitolu 56 tal-Ligijiet ta’ Malta, Malta u Ghawdex ghandu jkollhom Ufficcju tar-Registru Pubbliku ghalihom, li jitmexxew ukoll minn Diretturi differenti, l-esponent huwa tal-umli fehma illi f’tali proceduri ghandu jkun partecipi d-Direttur tar-Registru Pubbliku ta’ Ghawdex ukoll;

3. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza istanti, l-esponent jiddikjara li hu ma huwiex edott mill-fatti esposti mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghhom;

4. ILLI, jidher li r-rikorrenti Ian Camilleri Cassar u Anna Maria Rosaria Camilleri zzewgu nhar id-19 ta’ Ottubru 2013 fl-Italja, u dan kif jidher mic-certifikat ta’ zwieg esteru bin-numru 41 IIA, hawn anness u mmarkat **Dok DRP 1**. Sussegwentement, l-esponenti rregistraw l-istess certifikat ta’ zwieg gewwa Malta permezz tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili. Tali registrazzjoni saret in segwitu ghal talba

datata l-10 ta' Jannar 2014, maghmula minn Ian Camilleri Cassar, kopja ta' liema talba qed tigi hawn annessa u mmarkata **Dok DRP 2**. F'tali talba gie ddikjarat illi "*My wife has chosen to: adopt the surname of my husband after marriage*". Permezz tal-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet taghhom, ir-rikorrenti qed jitolbu li l-Att ta' Zwieg numru 86 tal-2014 jigi emendat sabiex jindika illi l-mara ghazlet li zzomm kunjom xbubitha maz-zwieg;

5. ILLI, in vista tal-premess u minghajr pregudizzju ghall-istess, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tal-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet tar-rikorrenti, salv però illi l-provi migjuba mir-rikorrenti jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

6. ILLI, riferibbilment ghat-tmien (8) talba taghhom, ir-rikorrenti ghandhom jispecifikaw in-numru u s-sena tal-atti tal-iStat Civili ohra li ghandhom jirriflettu it-tibdil mitlub minnhom fit-tieni (2) talba taghhom, jekk kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti takkolja l-istess talba;

7. ILLI, jidher li Ian Camilleri Cassar u Anna Maria Rosaria Camilleri kellhom zewgt itfal, wahda bl-isem Luisa, imwielda fl-20 t'Awwissu 2014, u ohra bl-isem Carla, imwielda fl-20 t'April 2016. L-Atti ta' Twelid taghhom gew registrati gewwa Malta u qed jigu hawn annessi u mmarkati **Dok DRP 3** u **Dok DRP 4** rispettivament. Bejn it-twelid taz-zewgt itfal tieghu, jidher li Ian Camilleri Cassar iddecieda li juzufruwixxi d-dritt li jaghtih l-Artikolu 4(3) tal-Kapitolu 16 li jaghmel dikjarazzjoni li bihsiebu jzid kunjom xbubit ommu wara l-kunjom ta' missieru, u dan billi issottometta l-Formula

T li tinsab fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-Kodici Civili. Ghalhekk, gialadarba huwa ghamel tali dikjarazzjoni, hu biddel il-kunjom tieghu b'mod permanenti minn Camilleri ghal Camilleri Cassar;

8. ILLI, jidher il ir-rikorrent Ian Camilleri Cassar twieled gewwa Ghawdex u ghalhekk l-Att ta' Twelid tieghu huwa rregistrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku f'Ghawdex. Difatti, id-dikjarazzjoni illi hu ghamel, permezz tal-Formula T surreferita, giet sottomessa lid-Direttur tar-Registru Pubbliku f'Ghawdex u giet registrata fl-Att ta' Twelid tieghu mill-istess Direttur. In vista ta' dan, l-esponent ma ghandux il-kompetenza jew is-setgha illi jaghmel ebda annotazzjoni fl-Att ta' Twelid irregistrat gewwa l-Ufficcju tar-Registru Pubbliku f'Ghawdex;

9. ILLI, fi kwalunkwe kaz, l-esponent jecepixxi illi l-Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili huwa car fil-provedimenti tieghu u jghid illi '<u>Din id-dikjarazzjoni maghmula permezz tal-Formula T ghandha tkun irrevokabbli</u>' (sottolinear tal-esponenti). L-allegazzjoni ta' Ian Camilleri Cassar illi ma kienx konsapevoli tal-effetti ta' tali dikjarazzjoni u li l-kunsens tieghu sabiex jaghmel tali dikjarazzjoni kien b'xi mod ivvizzjat ma treggix u dan stante li *ignorantia legis neminem excusat*. Semmai, *dato ma non concesso* li ma kienx jaf bir-riperkussjonijiet tad-dikjarazzjoni tieghu, hu kellu jfittex parir legali qabel ma jaghmel tali dikjarazzjoni u fi kwalunkwe kaz, tali nuqqas t'gharfien mghandux jeghleb id-dettami cari tal-ligi nostrana li dikjarazzjoni maghmula taht l-Artikolu 4(3) hija rrevokabbli, u ghalhekk l-ghazla li wiehed jiehu kunjom xbubit ommu hija wkoll irrevokabbli. Ghalhekk, fl-umli fehma tal-esponent, it-talbiet tar-rikorrenti numru tlieta (3) u

erbgha (4) kif dedotti ma jimmeritawx illi jigu akkolti minn din l-Onorabbli Qorti u konsegwentement, u in vista tal-fatt li t-talba numru hamsa (5) hija bbazata fuq it-talbiet numru tlieta (3) u erbgha (4), tali talba ghandha wkoll tigi michuda;

10. ILLI, fir-rigward tat-talbiet numru sitta (6) u sebgha (7) tar-rikors promotur, ir-rikorrenti qed jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-minuri hija konsistentement maghrufa bil-kunjom 'Camilleri' biss u mhux 'Camilleri Cassar'. F'dan ir-rigward, l-esponent jeccepixxi illi l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili jaghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet sakemm jekk ma jkunx hemm xi zball genwin, li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u gurisprudenza nostrana;

11. ILLI, f'dan il-kaz, il-minuri twieldet fiz-zwieg u ghalhekk inghatat kunjom missierha, a tenur tal-Artikolu 4(3) moqri kontestwalment mal-Artikolu 292A tal-Kapitolu 16. Dak iz-zmien, kunjom missierha kien digà inbidel minn 'Camilleri' ghal 'Camilleri Cassar'. Ghalhekk, jidher li ma kien hemm ebda zball fir-registrazzjoni tal-Att ta' Twelid tal-minuri Carla Camilleri Cassar. Difatti, ir-rikorrenti ma humiex jallegaw illi sehh xi zball da parti l-esponent jew da parti taghhom fir-registrazzjoni tal-Att ta' Twelid tal-minuri, imma qed isostnu illi t-tibdil ghandu jsir ghaliex il-minuri hija konsistentement maghrufa bhala 'Carla Camilleri'. Tali tibdiliet fil-kunjomijiet, ibbazati fuq is-semplici volontà u xewqa ta' dak li jkun illi jbiddel kunjomu, ma humiex ikkontemplati fil-ligi u ghalhekk, fl-umli opinjoni tal-esponent it-talbiet tar-rikorrenti numri sitta (6) u sebgha (7) kif dedotti ma jimmeritawx illi jigu akkolti minn din l-Onorabbli Qorti;

12. ILLI, in vista tal-premess u minghajr pregudizzju ghall-istess, l-esponent umilment jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti l-esponent u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ingunti in subizzjoni.'.

Rat ix-xiehda, affidavits, certifikati, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Gunju, 2020, in vista tat-tieni eccezzjoni tad-Direttur il-Qorti il-Qorti ordnat il-kjamat fil-kawza a spejjez tar-rikorrenti lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex;

Rat illi fil-verbal tat-13 ta' Mejju, 2021 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Rat illi Dr Carl Grech fis-seduta tal-lum ipprezenta zewg certifikati li jevidenzjaw li l-kunjom tal-missier Ian Camilleri Cassar issa gie Ian Camilleri u t-tifla Carla Camilleri Cassar issa giet Carla Camilleri u dan in vista ta' bdil fil-Ligi.

Rat illi Dr Carl Grech fis-seduta tal-lum ukoll irtira t-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitta u s-sebgha talbiet stante li jirrizultaw li huma sorvolati.

Rat partikolarment ic-certifikat taz-zwieg ta' l-istess Anna Maria Rosaria Camilleri registrat gewwa l-Italja a fol. 49 tal-process li jindika li maz-zwieg hija ghazlet li zzomm il-kunjom 'Gallo' u mhux 'Camilleri'.

Semghet tixhed lill-istess Anna Maria Rosaria Camilleri bil-lingwa Taljana fis-seduta tat-13 ta' Mejju, 2021 fejn iddikjarat li kien biss bi zvista li meta gie registrat f'Malta il-kunjom taghha fiz-zwieg gie ndikat il-kunjom 'Camilleri' u mhux dak ta' 'Gallo'.

Fic-cirkostanzi kollha suesposti u in vista tad-dokumentazzjoni esebita fl-atti, l-Qorti tqis li t-talbiet rimanenti f'dan ir-rikors guramentat ghandhom jigu milqugha.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza bil-mod kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi li l-Att taz-Zwieg ta' Ian Camilleri u Anna Maria Rosaria Gallo skorrettement jindika li l-mara ma ghazlietx li zzomm kunjom xbubitha maz-zwieg;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-Att taz-Zwieg tar-rikorrenti billi jigi ndikat li l-mara ghazlet li zzomm kunjom xbubitha maz-zwieg, u cioe' il-kunjom ta' 'Gallo';

3. Tilqa' t-tmien talba u tordna li jsiru l-emendi necessarji fl-Att tat-Twelid tal-esponenti a tenur tat-tieni talba attrici;

4. Tiddikjara t-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt  u s-sebgha talbiet sorvolati.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghar-ragunijiet suesposti ghandhom jigu nterament sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**13 ta' Mejju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**13 ta' Mejju, 2021**